

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2015 – CSTP Azienda della Mobilità vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-186/15)**

(2015/C 190/32)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

*Rikorrenti:* CSTP Azienda della Mobilità SpA (Salerno, l-Italja) (rappreżentanti: G. Capo u L. Visone, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tad-19 ta' Jannar 2015, dwar l-għajjnuna mill-Istat Sa.35842 (2014/C) (ex 2012/NN), innotifikata lir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2015, implementata mill-Italja;
- tiddikjara, skont l-Artikoli 263 TFUE u 264 TFUE, li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Jannar 2015, fil-proċedura dwar għajjnuna mill-Istat Sa.35842 (2014/C) (ex 2012/NN) (għal EUR 4 951 838,00), hija kompletament nulla u mingħajr effett sa fejn tqis li l-ammonti rrikonoxxuti bħala kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kumpens taħt l-Artikolu 11 għal obbligu marbut ma' tariffa fis-settur tat-Trasport Pubbliku Lokali, għandha titqies li hija miżura mhux innotifikata li tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, li hija inkompatibbli mas-suq intern;
- tiddikjara, skont l-Artikoli 263 TFUE u 264 TFUE, li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tad-19 ta' Jannar 2015, fil-proċedura dwar għajjnuna mill-Istat Sa. 35842 (2014/C) (ex 2012/NN) (għal EUR 4 951 838,00) hija kompletament nulla fil-parti fejn tadotta miżuri operattivi għall-irkupru tal-għajjnuna mill-Istat Taljan;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti minn CSTP.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u argumenti prinċipali huma dawk invokati fil-kawża T-185/15, Buonotourist vs Il-Kummissjoni.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2015 – Compagnia Trasporti Pubbliċi et vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-187/15)**

(2015/C 190/33)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

*Rikorrenti:* Compagnia Trasporti Pubblici SpA (Arzano, l-Italja); Atap – Azienda Trasporti Automobilistici Pubblici delle Province di Biella e Vercelli SpA (Biella, l-Italja); Actv SpA (Venezia, l-Italja); Ferrovie Appulo Lucane Srl (Bari, l-Italja); Asstra Associazione Trasporti (Ruma, l-Italja); u Associazione Nazionale Autotrasporto Viaggiatori (ANAV) (Ruma) (rappreżentant: M. Malena, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea